# Għaqda tal-Maltin mad-dinja kollha

Ħbiebi Toni Said u Ivo Muscat Azzopardi talbuni niktbilhom xi ħaġa fuq dan is-suġġett: "Il-Għaqda tal-Maltin mad-dinja kollha". Nebbaħhom f'dan ir-rumanz tiegħi *Kaline*, li fih Ġakkija Agius, Maltija tal-Afrika, wara li stħat minn ġensha, reġgħet bi ħrara lejn artha. Kull ma hu Malti hu għażiż għaliha. Kienet tħoss qalbha tingħafas meta tara Maltin barra minn arthom jiċħdu nisilhom, jinsew u jmaqdru lsien art twelidhom jew jagħmlu ta' bir-ruħhom ma jafuhx. Kienet taħseb fil-Maltin imxerrdin mad-dinja; x'isir minnhom jekk ma jħarsux lsienhom bħala l-aktar ħaġa għażiża, jekk ma jweġġħuhx aktar mill-ilsna barranin? Mix-xtajtiet tan-Nil sal-pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq u sal-witât tal-Awstralja huma minn 50 sa 80,000. Sa mitt sena oħra jew mitejn ikunu aktar minn miljun.

Nazzjon qawwija ma tħallihomx jintilfu. Aħna li maħniex nazzjon qawwija u li ma għandniex setgħa oħra ħlief ir-rieda tagħna, għandna naħdmu b'ħilitna biex ma nintilfux. Ħarsu lejn il-Kanadiżi; qegħdin f'art ingliża, iħobbu l-bandiera ingliża, imma qalbhom hi franċiża u sitt miljun qalb tħabbat mad-daqqa tar-ruħ franċiża.

Għaliex in-nazzjonijiet kbar biss għandhom is-setgħa li jikbru fil-kolonji tagħhom? Fuq is-setgħa politka hemm is-setgħa morali.

Kull fejn ikunu l-Maltin, fl-Afrika, fl-Eġittu, fl-Awstralja, fil-Kanada, fl-Amerika, juru dejjem imħabba lejn in-nazzjon li tilqagħhom, iżda din l-imħabba tista' qatt tagħleb l-imħabba lejhom infushom?

Nagħtu lil Ċêsri dak li hu ta' Ċesri, u nagħtu lil Niesna dak li hu ta' Niesna.

Jaħtieġ li l-Malti, ikun fejn ikun, jiftakar li hu Malti. Jaħtieġ li hu jġedded kull jum ir-rieda li jibqa' Malti. Jaħtieġ li hu jfakkar dejjem 'l uliedu li huma Maltin. Għalkemm ir-Reliġjon hija marbuta ma' qalbna, mhix biżżejjed biex il-Malti msiefer jingħaraf u jingħażel, għax popli oħra għandhom Reliġjon waħda bħalna. Il-Malti ma għandux tiegħu ħlief ilsienu. Bih, li hu *demmna*, *ruħna*, *ħajjitna*, bħalma qal il-Prof. Saydon, aħna tassew Maltin; u bih, bħalma qal il-poeta Għawdxi Ġorġ Pisani, aħna nazzjon. Bih il-patrija ma tmut qatt, għaliex, bħalma kiteb il-Prof P. An. Cuschieri f'vers li l-Maltin tad-dinja kollha għandhom ikunu jafuh bl-amment, jekk aħna ninsew il-sienna, l-għerf u l-ġieh ta' ġensna jmorru mar-riħ. Semmejt

ftit ilu l-Kanadiżi. Kif żammew qalbhom Franċiża ? Bil-Isien Franċiż.

Malta għandha l-ilsien tagħha minn mijiet ta' snin ilu, u għandha wkoll il-kittieba tagħha. Wieħed jista' ma jkunx jaf b'Omeru, Shakespeare, Dante, jew Corneille, imma ma jistax ma jkunx jaf b'Manwel Magri, Ġużè Muscat Azzopardi, Temi Zami u Dun Darm. Il-barranin stagħġbu u ferħu meta ftit ilu qraw il-poeżija tagħna, kemm aktar ferħu u ftaħru ħutna l-Maltin ?

L-ilsien, il-letteratura nazzjonali : dan hu l-irbit li jorbot u jgħaqqad il-Maltin ta' kull kolonja; irbit qawwi, ħaj, ħiereġ minn ruħ waħda li bih il-Maltin imxerrdin u mbegħdin żammew dejjem il-bixra li biha jingħarfu u jingħażlu.

Ilsienna, il-letteratura tagħna huma l-arka tagħna tal-Għaqda. Għalhekk jien inqis it-twaqqif ta' Xirka minn Toni Said u Ivo Muscat Azzopardi għat-tixtrid tal-Isien Malti mad-dinja bħala l-akbar ġrajja fl-istorja mit-twaqqif, xi 15 il-sena ilu, tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.* Din tat lil-Malti r-rebħ fil-Gżira; l-oħra timla l-Malti b'dawl li jitfa' d-dija tiegħu fl-artijiet kollha, kull fejn tħabbat qalb ta' Malti.

Il-ħtieġa ta' din l-Għaqda bdiet tinħass kullimkien. Il-*Qari Malti* ta' Port Said: *Melita* ta' Sousse (Tunisie); *The Maltese Australian* tal-Awstralja; *The Maltese Journal* ta' New York, jixhdu li l-Maltin, għalkemm imbegħdin minn arthom, ma jinsew qatt art twelidhom.

Il-foħrija hija lil dawk li jiftaħru b'nisilhom, bit-tradizjonijiet tagħhom, bihom infushom, lil dawk li għandhom il-ħila li ma jitjassrux u ma jinxorbux minn poplu ieħor, imma li jibqgħu dejjem, bħalma huma, Maltin.

P. P. Saydon

Meħud b'xi taqsir mill-Franċiż
ta' Laurent Ropa
fil-*Qari Malti* ta' Port Said.